MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 747/2002

**The General Soft Drinks Co. Limited**

**vs**

**Saviour sive Salvu Dalli**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u tmintax-il liri Maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm1,518.32), prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu f'Salcath Mini-Market, Qormi, u kif anke jirrizulta mill-anness prospett immarkat Dok. `1';**

**Bl-imghaxijiet mit-3 ta' Frar tas-sena 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-11 ta' Gunju tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------